

Brussell, 3 ta' Lulju 2017
(OR. en)

10873/17

DAPIX 247
DATAPROTECT 126
CODEC 1181
ENFOPOL 340
EUROJUST 105
FRONT 305
VISA 255
EURODAC 21
ASILE 47
SIRIS 117
CSCI 18
SAP 8
COMIX 493
JAI 651

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Ġunju 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 346 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar il-funzjonament tal-Aġenzija Ewropew għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 346 final.

Mehmuż: COM(2017) 346 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.6.2017
COM(2017) 346 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar il-funzjonament tal-Aġenzija Ewropew għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT
fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA)**

{SWD(2017) 249 final}

{SWD(2017) 250 final}

1. Introduzzjoni

L-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA, jew l-Aġenzija) ġiet stabbilita fl-2011 permezz tar-Regolament 1077/2011¹ (ir-Regolament li jistabbilixxi) sabiex tiġi pprovduta soluzzjoni għat-tul għall-ġestjoni operattiva, fil-livell ċentrali, ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira f'dan il-qasam. Ir-Regolament li jistabbilixxi ġie emendat fl-20 ta' Lulju 2015 permezz tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 (ir-Regolament Eurodac riformulat)² sabiex jiġi jirrifletti l-bidliet li ġab dan ir-Regolament fejn jidħlu l-kompiti tal-Aġenzija marbuta mal-Eurodac.

L-eu-LISA bħalissa tiġġestixxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) kif ukoll il-Eurodac, jiġifieri l-istrumenti essenzjali fit-tarix taż-żona ta' Schengen u tal-ġestjoni tal-fruntieri u għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-ażil u tal-viża. L-eu-LISA tista' wkoll issir responsabbli għall-preparazzjoni, l-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi oħra tal-IT fuq skala kbira fil-qasam ta' politika jekk ikun stipulat hekk minn xi strument leġiżlattiv rilevanti abbażi tal-Artikoli 67 sa 89 tat-TFUE. L-eu-LISA bdiet topera fl-1 ta' Diċembru 2012. F'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament li jistabbilixxi, il-Kummissjoni għamlet l-ewwel evalwazzjoni tal-Aġenzija f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Bord ta' Tmexxija tal-aġenzija. L-eu-LISA kienet ukoll involuta mill-qrib.

Dan ir-Rapport jibni fuq il-kostatazzjonijiet tal-evalwazzjoni esterna tal-azzjoni tal-Aġenzija li tkopri l-perjodu minn Diċembru 2012 sa Settembru 2015. Ir-Regolament li jistabbilixxi (l-Artikolu 31(2)) jistipula li, abbażi tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta l-Bord ta' Tmexxija, toħroġ rakkomandazzjonijiet rigward tibdil għar-Regolament, u tgħaddihom, flimkien mal-opinjoni tal-Bord ta' Tmexxija, kif ukoll ma' proposti xierqa, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lis-Superviżur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data. Dan ir-rapport jiffoka fuq ir-rakkomandazzjonijiet rigward tibdil għar-Regolament li jistabbilixxi. Fil-21 ta' Marzu 2017 il-Bord ta' Tmexxija tal-eu-LISA adotta pjan ta' azzjoni bħala segwitu għall-kostatazzjonijiet fl-evalwazzjoni li ma għandhomx bżonn ta' bidliet fir-Regolament li jistabbilixxi.

Dan ir-rapport ikopri r-risultati tal-evalwazzjoni, kif ippreżentata fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, mehmuż, dwar l-evalwazzjoni tal-eu-LISA, u r-rapport ta' evalwazzjoni estern³ (taqsima 2) Ir-rapport ipoġġi l-evalwazzjoni u r-rwol tal-Aġenzija fi perspettiva aktar wiesgħa u jieħu f'kunsiderazzjoni żviluppi ulterjuri fattwali, legali u ta' politika (ara t-taqsima 3).

2. Evalwazzjoni tal-eu-LISA 2012-2015

2.1. Il-kuntest tal-evalwazzjoni

L-evalwazzjoni tal-eu-LISA bdiet ftit qabel ma ġew ippubblikati l-Aġenda tal-UE dwar is-sigurtà⁴ u l-Aġenda tal-UE dwar il-migrazzjoni⁵, rispettivament f'April u f'Mejju 2015. Dawn

¹ ĠU L 286, 1.11.2011, p.1.

² ĠU L 180, 29.6.2013, p.1.

³ http://bookshop.europa.eu/is-bin/INTERSHOP.enfinity/WFS/EU-Bookshop-Site/en_GB/-/EUR/ViewPublication-Start?PublicationKey=DR0116464

⁴ COM (2015) 185 finali, 28.4.2015.

il-Komunikazzjonijiet fissru l-qafas tad-direzzjoni għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE li tindirizza l-isfidi paralleli tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u ċ-ċiberkriminalità.

Iż-żewġ Aġendi jinkludu referenzi diretti għas-sistemi li topera l-eu-LISA fil-livell ċentrali jew li mistennija li tiżviluppa u topera, suġġett għall-adozzjoni tal-istrumenti leġiżlattivi rilevanti.

Il-ġestjoni aktar effiċjenti tal-fruntieri esterni ta' Schengen timplika wkoll użu aħjar tal-opportunitajiet (il-ġodda) offruti minn sistemi u teknoloġiji moderni tal-IT. L-evalwazzjoni saret fuq l-isfond tal-flussi bla preċedent tal-migrazzjoni kif ukoll tat-theddid ġdid għas-sigurtà (l-attakki terroristiċi) li qegħdin jaffaċċjaw l-Istati Membri, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li jidentifikaw il-ħtieġa urġenti li dawn il-fenomeni jiġu ffaċċjati b'qawwa u bi strumenti godda⁶. Dawn il-ġrajjiet u konklużjonijiet jixħtu enfażi għal darb'oħra fuq l-importanza vitali tad-databases li huma operati mill-Aġenzija għat-tħaddim ta' kuljum, effettiv u sostenibbli taż-żona Schengen.

2.2. Il-kostatazzjonijiet tal-evalwazzjoni

B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni kkonfermat li l-Aġenzija effettivament tiżgura l-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzija u twettaq il-kompiti stabbiliti fir-Regolament kif ukoll kompiti ġodda f'dati lilha. Ikkostatat ukoll li l-eu-LISA b'mod effettiv ikkontribwiet għall-istabbiliment ta' ambjent aktar ikkoordinat, effettiv u koerenti għall-ġestjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira li jsostnu l-implimentazzjoni tal-politiki ta' Ġustizzija u l-Affarijiet Interni (ĠAI).

Madankollu, l-evalwazzjoni identifikat ukoll lok għal titjib. Il-maġġoranza l-kbira tan-nuqqasijiet jistgħu jiġu rimedjati permezz ta' bidliet strutturali, organizzattivi jew ta' persunal, jew inkella b'bidliet għall-prattiċi ta' ħidma u d-dokumenti tal-eu-LISA. Madankollu, sabiex il-mandat tal-Aġenzija jiġi adattat sabiex jiġi żgurat li dan jilqa' l-isfidi quddiem l-UE fil-qasam tal-migrazzjoni u s-sigurtà, l-evalwazzjoni identifikat il-ħtieġa għal reviżjoni limitata tal-kompiti f'dati lill-eu-LISA, jew għall-estensjoni tagħhom, fir-Regolament li jistabbilixxi u fi strumenti legali rilevanti oħra.

Il-kostatazzjonijiet⁷ ewlenin tal-evalwazzjoni rigward l-erba' kriterji ta' evalwazzjoni huma dawn li ġejjin:

2.2.1. L-effikaċja

B'mod effettiv, l-eu-LISA tiżgura ***l-ġestjoni operattiva tat-tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira*** u implimentat ***oqsfa organizzattivi*** effettivi. Madankollu, ġew identifikati opportunitajiet importanti ta' titjib fil-monitoraġġ tal-prestazzjoni ta' proċessi tal-IT implimentati. Ġie identifikat riskju għar-rigward tal-***kontinwità tal-ħidma minħabba n-nuqqas ta' Pjan ta' Rkupru minn Diġastru uniku u trasversali għat-tliet sistemi***. Hemm neqsin ukoll ***indikaturi ċentrali ta' prestazzjoni***, hemm nuqqas ta' ***rieżami sistematiku tal-kapaċità tas-sistemi*** kif ukoll ***proċess insuffiċjenti ta' notifika ta' inċidenti***.

L-inkonvenjent marbut mad-diviżjoni preżenti ta' responsabbiltajiet bejn l-eu-LISA u l-Kummissjoni rigward ***l-infrastruttura ta' komunikazzjoni⁸*** jista' jiġi indirizzat billi l-

⁵ COM (2015) 240 finali, 13.5.2015.

⁶ EUCO 22/15, EUCO 26/15, EUCO 28/15, EUCO 1/16, EUCO 12/1/16 REV 1.

⁷ Għad-dettalji dwar il-kostatazzjonijiet kollha jekk jogħġbok ara r-rapport ta' evalwazzjoni estern (<http://bookshop.europa.eu>).

⁸ Ara l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011.

Aġenzija tiegħu f'idejha r-responsabbiltà sħiħa għall-ġestjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni u billi jiġu trasferiti l-baġit relatat u l-kompiti li bħalissa huma ġestiti mill-Kummissjoni. Id-diviżjoni preżenti ma għadhiex neċessarja, la kuntrattwalment u lanqas għall-ebda raġuni oħra⁹, u trasferiment ikun jista' jirrazzjonalizza r-relazzjoni bejn il-kuntrattur u l-Aġenzija filwaqt li jiġu mminimizzati l-ispejjeż manidġerjali u amministrattivi u l-ispejjeż relatati.

Sabiex ikun hemm effettività u b'żieda mal-istatistiċi li huma ppubblikati bħalissa kif rikjest mill-qafas legali eżistenti, jixraq li jiġi kkunsidrat l-ġoti ta' responsabbiltà estiża lill-eu-LISA fil-**ġenerazzjoni/il-pubblikazzjoni ta' statistika għal kull sistema**. Fl-istess vena, tista' wkoll tkun opportuna l-esplorazzjoni tal-possibbiltà li l-eu-LISA tingħata l-kompitu li tipproduċi rapporti b'analiżi tad-data u tal-kwalità tad-data (jiġifieri rapporti ta' analiżi tad-data imdaħħla fis-sistemi mill-Istati Membri u li tenħtieġ aċċess għad-data fi ħdan is-sistemi).

Il-**monitoraġġ tar-riċerka** jitqies pertinenti u neċessarju. Madankollu, ir-riżultati huma pjuttost fjakki sa issa u għandha tingħata aktar attenzjoni biex ikun hemm konformità mal-mandat u konsistenza ma' attivitajiet oħra ta' riċerka tal-partijiet interessati.

L-attivitajiet ta' taħriġ huma, fil-prinċipju, konformi mal-ħtiġijiet tal-awtoritajiet nazzjonali. Madankollu, ikun neċessarju aktar allinjament tat-taħriġ mal-ħtiġijiet tekniċi.

L-eu-LISA wieġbet b'mod effettiv għall-**kompiti l-ġodda**, b'mod partikolari DubliNet, VISION, u l-implimentazzjoni tal-proġett pilota Smart Borders¹⁰.

Dan tal-aħħar, li altrimenti ġie implimentat tajjeb, enfażizza l-ħtieġa li l-Aġenzija ssaħħaħ **il-kapaċità ta' ġestjoni finanzjarja** tagħha fejn tidħol il-ġestjoni tal-għotjiet tal-UE. L-evalwazzjoni kkonfermat li kieku l-eu-LISA kellha tingħata l-kompitu tal-iżvilupp ta' sistemi ġodda tal-IT fuq skala kbira, hija ma tkunx tista' tiġġestixxi dan bir-riżorsi li għandha bħalissa, peress li jonqsuha l-kapaċitajiet suffiċjenti ta' ġestjoni u żvilupp tal-proġetti. F'dak li għandu x'jaqsam ma' **sħubijiet u sinerġiji ma' aġenziji oħra tal-UE**, l-eu-LISA żviluppat arranġamenti ta' hídma effettivi u b'kooperazzjoni mal-aktar aġenziji rilevanti tal-ĠAI. Madankollu, għandu jiġi żgurat rispett għall-mandat tagħha u ġie identifikat riskju li tintilef l-attenzjoni fuq il-prijoritajiet ċentrali ta' hídma, pereżempju kawża tal-ambizzjoni tal-eu-LISA li tipprovdi servizzi lil aġenziji oħra.

Punt importanti ħafna ieħor jinvolvi l-użu aħjar tal-potenzjal tal-**Gruppi Konsultattivi** billi jiġi żgurat li jkunu kkonsultati dwar id-dokumenti ta' programmar kmieni biżżejjed u li dawn jitħallew jagħtu l-kontribut tagħhom. Barra minn dan, ikun xieraq li l-Aġenzija ssaħħaħ is-sostenn għall-protezzjoni tad-data fi Strasburgu, jew billi tittrasferixxi **Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (UPD)** minn Talinn lejn Strasburgu, jew inkella billi taħtar deputat UPD hemmhekk sabiex ittejjeb il-komunikazzjoni mal-persunal tekniku fi Strasburgu u tgħinhom fi kwistjonijiet li jolqtu l-protezzjoni tad-data.

2.2.2. L-effiċjenza

Fl-implimentazzjoni tal-**kompiti fi ħdan il-mandat tagħha**, l-eu-LISA allinjat b'mod effiċjenti l-funzjonijiet, l-operati u l-proċessi interni mal-ġestjoni ta' qafas tal-IT. Madankollu, hija jmissha tagħmel rieżami tal-allokkazzjoni tar-riżorsi sabiex tiżgura li jkunu disponibbli riżorsi ta' persunal biżżejjed għall-ġestjoni tal-proġetti abbażi tal-ħtiġijiet marbuta mal-proġetti. L-eu-LISA żviluppat progressivament strateġija ta' akkwist u arranġamenti għall-ikkuntrattar. L-Aġenzija għamlet ukoll xi progress rigward l-istrettezza u ċ-ċarezza tal-

⁹ Ħlief għas-sistemi li jużaw il-EuroDomain bħall-Eurodac.

¹⁰ Ara d-Dokument ta' Hídma tal-Persunal tal-Kummissjoni, mehmuż, speċjalment it-taqsima 1.1, p. 3 (DubliNet, VISION, Smart Borders pilota) u t-taqsima 2.1, p.4 (Smart Borders Pilota).

ipprogrammar kruċjali u tad-dokumenti ta' rappurtar li huma s-sors ewleini għall-**evalwazzjoni kumplessiva tal-prestazzjoni**. Madankollu, għad hemm lok ta' titjib fil-mekkaniżmi ta' pprogrammar u ta' rappurtar kif ukoll fit-trasparenza tagħhom. Għar-rigward tas-**soluzzjonijiet organizzattivi, ir-riżorsi umani u l-proċeduri**, l-Aġenzija aġixxiet b'mod konsistenti f'konformità mal-proċess baġitarju, iżda b'żieda mal-involvement dovut tal-partijiet kollha kkonċernati, inkluż il-persunal tekniku tal-Aġenzija li jistgħu potenzjalment jipprovdu kontribut akbar lejn il-proċess baġitarju jekk jitkabbar ir-rwol tagħhom, hija tista' wkoll tinvolvi lill-Gruppi Konsultattivi aktar billi dawn jiġu pprovduti bl-informazzjoni rilevanti kollha rigward il-proġetti li jkollhom jevalwaw bil-ħsieb li jkunu jistgħu jingħataw il-pariri t-tajba lill-Bord ta' Tmexxija.

L-evalwazzjoni tat attenzjoni partikolari lill-**arranġament dwar siti multipli**. L-analiżi komparattiva tax-xenarji alternattivi kollha, kif deskritta fid-dettal fir-rapport estern ta' evalwazzjoni, ipprovdiet ir-riassigurazzjoni neċessarja li l-kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà biex jiġu stabbiliti s-sit ewlieni u s-sit ta' kontinġenza tas-sistemi fi Franza u l-Awstrija, rispettivament, għadhom validi. L-istess japplika għal dak li għandu x'jaqşam mal-kunsiderazzjonijiet politiċi għall-istabbiliment tas-sede tal-Aġenzija fl-Estonja¹¹. Il-kosti addizzjonali diretti u indiretti¹² marbuta mal-arranġament dwar siti multipli tal-Aġenzija għalhekk jitqiesu bħala ġustifikati u raġonevoli.

Fejn jidħol l-ippjanar, l-eu-LISA implimentat proċessi adegwati fi tħejjija tal-**programm ta' ħidma annwali** u tal-baġit. Hija daħħlet ukoll prattiċi u sistemi adegwati u xierqa ta' kontabbiltà, konformi ma' prattiċi ġenerali fl-UE. Dan jista' jkompli jittejjeb permezz ta' involviment aktar inklussiv ta' daww kollha kkonċernati u tal-Gruppi Konsultattivi b'mod partikolari billi:

- jsiru evalwazzjonijiet sistematiki ex-ante u evalwazzjonijiet ex-post tal-programmi u l-attivitàjiet li jkunu jinvolvu nfieq sinifikanti kif rikjest mill-Artikolu 29(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013¹³ u tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija¹⁴, kif ukoll

¹¹ Waqt il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2003, l-Istati Membri qablu li, fid-distribuzzjoni tas-sedi ta' uffiċċji jew aġenziji tal-Komunità li kellhom jiġu stabbiliti fil-futur, jagħtu prijorità lill-istati li jkunu għadhom qegħdin jaderixxu. Skont il-konklużjonijiet ta' dan il-Kunsill Ewropew, is-sedi ta' uffiċċji jew aġenziji futuri kellhom ikunu stabbiliti primarjament fl-Istati Membri li jkunu aderew mal-Unjoni fl-2004 jew wara. Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2008 fakkar fil-konklużjonijiet tal-2003 u laħaq qbil ulterjuri li għandha tingħata prijorità xierqa lill-Istati Membri li kienu għadhom ma jospitaw xi uffiċċju jew aġenzija tal-UE. L-għażla ta' Tallinn, li għamli l-koleġiżlaturi, bħala s-sede tal-eu-LISA kienet ibbażata fuq l-offerta konġunta tal-Estonja u ta' Franza skont liema, is-sede tal-Aġenzija tkun Tallinn filwaqt li s-sit tekniku jibqa' fi Strasburgu fejn is-sistemi kienu diġà qegħdin jiġu żviluppati.

¹² Kosti **tanġibbli** jinkludu l-kosti tal-missjonijiet għall-ivvjaġġar bejn is-siti, proċeduri paralleli ta' akkwist, kuntratturi multipli għall-fornituri ta' servizz (pereż. it-tindif, is-sigurtà), jew inkella opportunitajiet mitlufa ta' ekonomiji ta' skala fil-kosti operattivi. Eżempji ta' żvantaġġi intanġibbli huma l-impatti negattivi fuq il-fluwidità tal-komunikazzjoni bejn is-siti (li tkompli tikkomplicar ruħha bil-qasma funzjonali bejn Tallinn u Strasburgu), l-isfidi għall-ġestjoni li joħorġu mill-istess distanza ġeografika, li jiġu attirati u miżmuma ħaddiema ta' sengħa, jew l-ostakoli kontra li tiżviluppa kultura organizzattiva qawwija u unifikata.

¹³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013, ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

¹⁴ Fl-opinjoni tagħha dwar il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-eu-LISA, il-Kummissjoni fakkret li skont il-karta tal-Governanza tal-IT tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni, li bdiet tapplika sa mill-14.12.2011 għall-proġetti kollha li jiġbu prezz oġġla minn EUR 500.000, ikun xieraq li jitfassal "Dokument ta' Viżjoni" li jeżamina l-aspetti legali, tekniċi, finanzjarji u organizzattivi kif ukoll id-dimensjoni pluriennali tal-proġetti.

- permezz tal-irbit, b'mod aktar sinkronizzat u trasparenti, tar-rappurtar dwar il-baġit mal-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali. Barra minn dan, l-istabbiliment ta' sistema ta' ġesjoni bbażata fuq l-attività kif ukoll previżjonijiet baġitarji pluriennali aktar dettaljati jkunu jippermettu lill-eu-LISA li jkollha ħarsa kumplessiva finanzjarja aħjar tal-attivitàjiet tagħha filwaqt li l-ippjanar isir aktar faċli.

B'mod ġenerali, l-eu-LISA wettqet kompiti ġodda b'mod effiċjenti. Madankollu, hija tista' tiġġestixxi aħjar l-użu tar-riżorsi esterni billi ssaħħa **il-kapaċitajiet interni** u billi ssir anqas dipendenti fuq kuntratturi esterni. L-eu-LISA stabbiliet ukoll **politiki, proċessi u proċeduri** xierqa għat-tmexxija, l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-operazzjonijiet. Madankollu, ikun jaqbel li l-Aġenzija tiegħu azzjonijiet sabiex dawn tagħgornahom b'mod regolari. Il-governanza ħadmet f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' governanza fir-Regolament li jistabbilixxi u fir-Regoli ta' proċedura¹⁵. Madankollu, ikun tajjeb li l-parteċipazzjoni tal-Gruppi Konsultattivi tittejjeb billi jiżdied l-involvement attiv u tempestuż tagħhom fit-tnejn tad-dokumenti tal-Bord ta' Tmexxija (b'mod partikolari l-programmi ta' ħidma annwali u r-rapporti ta' attività) kif ukoll fl-evalwazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tal-proġetti li jkunu qegħdin jiġu pplanati mill-eu-LISA. Ikun tajjeb li jiġi rieżaminat l-użu tal-proċedura bil-miktub sabiex deċiżjonijiet importanti li jkollhom impatt finanzjarju sinifikanti u li jkun hemm bżonn li jiġu diskussi fil-Bord ta' Tmexxija ma jiġux adottati fis-silenzju.

2.2.3. Il-koerenza

Flief għal xi interventi darba fil, li kienu inkonsistenti mal-linja ta' politika tal-Kummissjoni jew li mmizinterpretaw il-mandat tagħha, **l-eu-LISA aġixxiet, b'mod kumplessiv, f'koerenza** mal-partijiet involuti ewlenin, kemm jekk kinitx il-Kummissjoni jew inkella istituzzjonijiet oħra, jew l-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati.

L-Aġenzija għamlet sforzi ta' min ifaħħarhom biex tistabbilixxi strateġija ta' kooperazzjoni soda sabiex tinvolvi ruħha ma' partijiet interessanti differenti b'mod strutturat billi tadotta Strateġija ta' Ġestjoni tal-Partijiet Interessati.

Fejn tidħol **il-kooperazzjoni effettiva mal-Kummissjoni**, jeżisti qafas b'saħħtu fir-Regolament li jistabbilixxi u fil-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija¹⁶. Madankollu, il-preparazzjoni, kif ukoll il-kontenut, tad-dokumenti ta' programmar tal-eu-LISA jistgħu jittejjbu sabiex jiġu allinjati strettament mal-mandat tagħha u mal-opinjonijiet tal-Kummissjoni. Kif enfasizzat fl-evalwazzjoni tal-effikjaċja tal-Aġenzija, l-evalwazzjoni kkonkludiet li jkun f'waqtu li r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni marbuta mal-**infrastruttura tal-komunikazzjoni** jiġu ttrasferiti lejn l-Aġenzija sabiex titjeb il-koerenza fejn tidħol il-ġestjoni ta' kompiti relatati. L-Aġenzija għandha l-kompetenza u l-kapaċità teknika biex taffaċċja dawn il-kompiti u t-trasferiment tagħhom jista' wkoll iwassal għal aktar effiċjenza.

2.2.4. Ir-rilevanza u l-valur miżjud

B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni pprovdiet ir-riassigurazzjoni neċessarja li l-ħolqien tal-eu-LISA għab fis-seħħ **valur miżjud**, b'mod partikolari billi nġabru t-tliet sistemi flimkien "taħt saqaf wieħed", b'mod li l-kompetenza esperta inġabret, is-sinerġiji ġew sfruttati u seta' jinħoloq qafas aktar flessibbli milli kien ikun possibbli qabel. Is-suċċess ewleini tal-eu-LISA mindu ġiet stabbilita kienet il-ħila tagħha li żgurat **ambjent uniformi u stabbli** għall-operat u l-manteniment tas-sistemi fil-livell ċentrali. Dan ikkontribwixxa għal **ambjent tal-IT**

¹⁵ Kif rivedut bid-dokument 2015-153, adottat waqt il-11-il laqgħa tal-Bord ta' Tmexxija tal-eu-LISA (is-17 u t-18 ta' Novembru 2015).

¹⁶ C(2014) 3486 finali

ikkoordinat, effettiv u koerenti għall-ġestjoni tas-sistemi tal-IT li jsostni l-implimentazzjoni tal-politiki tal-ĠAI. L-istabbiliment ta' awtorità unika ta' ġestjoni li tassumi l-ġestjoni operattiva tat-tliet sistemi tal-IT jgħodq livell għoli ta' valur miżjud, sal-livell li l-Aġenzija twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv u effiċjenti.

Madankollu, skont l-evalwazzjoni, għadu mhux possibbli li wieħed jgħid jekk il-ħolqien tal-eu-LISA wassalx għal titjib fl-effiċjenza bis-saħħa tal-***ekonomiji ta' skala***. Evalwazzjoni komparattiva kumplessiva tal-kosti ma setgħetx issir minħabba differenza kif jiġu rreġistrati l-kosti qabel u wara li s-sistemi jkunu ġew trasferiti lejn l-Aġenzija u n-nuqqas ta' proċess intern ta' rreġistrazzjoni li jkejjel il-kosti kollha assoċjati ma' kull sistema.

It-tqabbil tal-kosti operattivi identifika l-ħtieġa li l-Aġenzija tiżgura li l-kosti jiġu rreġistrati b'mod ċar għal kull sistema (ġestjoni bbażata fuq l-attività) sabiex jiġi aċċertat jekk kienx hemm żidiet fl-effiċjenza. Għalkemm huwa ċar li nħolqu ***sinerġiji*** fil-livell amministrattiv kif ukoll organizzattiv, għadha qiegħda tiġi żviluppata arkitettura orjentata lejn is-servizzi għas-sistemi tal-IT.

3. Żviluppi wara l-perjodu ta' evalwazzjoni

L-evalwazzjoni tal-eu-LISA kkoinċidiet mal-ewwel evalwazzjoni tal-oqsma leġiżlattivi tal-SIS II¹⁷ u tal-VIS¹⁸. B'mod simili, bħala parti mill-ħidma dwar l-arkitettura futura tal-politika ta' ažiż tal-UE, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni¹⁹ u proposti leġiżlattivi, inkluża proposta għal rieżami tar-Regolament ta' Dublin²⁰ li jafda f'idejn eu-LISA l-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistema ġdida awtomatizzata²¹. Il-pakkett leġiżlattiv jinkludi wkoll proposta ta' rieżami tar-Regolament tal-Eurodac²² li jestendi l-ambitu tas-sistema. Iż-żewġ inizzjattivi se jkollhom impatt fuq l-eu-LISA.

Kontribut ieħor maġġuri mill-Kummissjoni hija l-Komunikazzjoni dwar sistemi ta' informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-fruntieri u s-sigurtà li ħarġet f'April 2016²³. Il-Komunikazzjoni, li l-għan ewlieni tagħha huwa dak li titjeb l-interoperabilità tas-sistemi tal-informazzjoni, tikkonċepixxi kompiti ġodda għall-Aġenzija, li xi wħud minnhom se jitwettqu b'mod konġunt mal-Kummissjoni filwaqt li oħrajn jitwettqu wkoll mal-Istati Membri. Hija tistipula li l-Kummissjoni teżamina l-possibbiltà li tiġi stabbilita sistema ġdida, is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS). Il-Kummissjoni adottat il-proposta ETIAS f'Novembru 2016²⁴ u issa qiegħda tiġi eżaminata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Is-soluzzjonijiet innovattivi identifikati fil-Komunikazzjoni huma riflessi wkoll fil-*Pjan direzzjonali għat-titjib tal-iskambju tal-informazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni inklużi soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni*, approvat waqt il-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni f'Ġunju 2016²⁵.

¹⁷ COM (2016) 880 finali, 21.12.2016

¹⁸ COM (2016) 655 finali, 14.10.2016

¹⁹ COM (2016) 197 finali, 6.4.2016

²⁰ COM (2016) 270 finali, 4.5.2016

²¹ Sistema awtomatizzata li tippermetti r-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet kollha għall-protezzjoni internazzjonali u għall-monitoraġġ ta' sehem kull Stat Membru fl-applikazzjonijiet kollha u tas-sistema ta' allokkazzjoni korrettiva.

²² COM (2016) 272 finali, 4.5.2016

²³ COM (2016) 194 finali, 6.4.2016

²⁴ COM (2016) 731 finali, 16.11.2016

²⁵ 9368/16, 6.6.2016.

F'konformità mal-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni stabbiliet Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli li jindirizza l-aspetti legali, tekniċi u operattivi tal-opzjonijiet differenti sabiex tinkiseb l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni, fil-qasam tal-ġestjoni u s-sigurtà tal-fruntieri. Wara l-kostatazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti fir-rapport finali tiegħu²⁶, il-Kummissjoni ppreżentat aktar ideat konkreti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fis-Seba' rapport ta' progress lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina, bħala l-bażi għal diskussjoni konġunta dwar it-triq 'l quddiem²⁷. Flimkien mal-Komunikazzjoni ta' April 2016, il-Kummissjoni ppreżentat proposta ta' Sistema ta' Dħul u Hruġ²⁸ li tista' ssir, kieku kellha tiġi adottata mill-koleġislaturi, l-ewwel sistema tal-IT fuq skala kbira li tkun fil-fatt żviluppata mill-eu-LISA.

Fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-kompiti li għadhom kif issemmwew, l-eu-LISA se jkollha tiegħu f'kunsiderazzjoni d-dritt fundamentali tal-protezzjoni tad-*data* personali kif rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u b'mod partikolari l-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop ta' dak id-dritt.²⁹ Fl-esplorazzjonijiet tal-interoperabbiltà ta' sistemi fuq skala kbira ikun tajjeb li tingħata kunsiderazzjoni speċjali għall-protezzjoni tad-*data* fir-rekwiżiti ta' diżinn kif jissewma fl-Artikolu 25 tar-Regolament Ġenerali tal-Protezzjoni tad-*Data*, il-ġdid, u l-Artikolu 20 tad-Direttiva dwar il-Pulizija u l-Protezzjoni tad-*Data*, li se jibdwew japplikaw rispettivament mill-25 ta' Mejju 2018 u mill-5 ta' Mejju 2018.

Meta jkun qegħdin jiġu kkunsidrati emendi possibbli għar-Regolament li jistabbilixxi, il-Kummissjoni jeħtieġ li tiegħu f'kunsiderazzjoni t-tibdil relevanti li sar lill-leġiżlazzjoni tal-UE mindu kienet ġiet stabbilita l-Aġenzija (bħal ma huma r-Regolament Finanzjarju u r-Regolament Finanzjarju ta' Qafas)³⁰ u tat-tibdil li joħroġ mill-Approċċ Komuni anness mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati, tad-19 ta' Lulju 2012 (l-Approċċ Komuni). Jenħtieġ ukoll li tirrifletti l-bidliet legali li joħroġu mill-evalwazzjoni tas-SIS II. B'aktar esperjenza fl-operat tas-sistemi fil-livell ċentrali u bil-ħsieb li tiżdied l-effiċjenza, l-eu-LISA stess issuġġeriet, fid-dokumenti programmatiċi tagħha, xi ideat għat-titjib ta' diversi aspetti tal-istruttura teknika preżenti tas-sistemi, li jkunu jirrekjedu emendi għar-Regolament li jistabbilixxi u/jew tar-Regolamenti tas-sistemi.

Ir-Regolament li jistabbilixxi jirrispondi għall-ambjent legali, politiku u ekonomiku li fih inħolqot l-Aġenzija. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni (ara t-taqsima 2) u dawn l-iżviluppi fattwali, legali u ta' politika jipprovdu opportunità li l-mandat tal-eu-LISA jiġi adattat għall-potenzjal dejjem jikber tagħha sabiex ikompli jingħata kontribut għall-ħtiġijiet ġodda tal-UE u sabiex jiġi żviluppat l-approċċ ta' interoperabbiltà l-ġdid. Pereżempju, timmerita kunsiderazzjoni l-possibbiltà li l-mandat jiġi estiż biex jingħata, f'ċirkostanzi speċifiċi, sostenn lill-Istati Membri li jkunu responsabbli għall-operat tal-elementi nazzjonali tas-sistemi. Dan jista' jiġi kkunsidrat ukoll fid-dawl tal-intervent tal-eu-LISA fil-Greċja wara l-kriżi tar-refuġjati³¹.

²⁶ <http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetailDoc&id=32600&no=1>

²⁷ COM (2017) 261 finali, 16.5.2017

²⁸ COM (2016) 194 finali, 6.4.2016

²⁹ L-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, l-Artikolu 6(1)(b) tad-Direttiva 95/46/KE aktar tard sostitwit bl-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (UE) 2016/679, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88, l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, aktar tard sostitwit bl-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva (UE) 2016/680, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89–131.

³⁰ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2015/1929, L 286, 30.10.2015, p. 1. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013, ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

³¹ Il-Kummissjoni talbet lill-eu-LISA biex tagħti sostenn, kmieni fl-2016, matul il-kriżi tar-refuġjati, lil "hotspot" Griega għar-rigward ta' żieda fil-kapaċità tas-server għall-Eurodac kif ukoll għall-parteċipazzjoni fit-task forces reġjonali tal-UE (EURTF) f'Piraeus u f'Katanja. Ma jistax jiġi eskluż li tali appoġġ ad hoc jista' jkun neċessarju fil-futur f'oqsma oħra.

Kif imfisser fil-Komunikazzjoni dwar l-Ipprogrammar tar-riżorsi umani u finanzjarji għall-aġenziji deċentralizzati 2014-2020³², li stabbiliet l-ipprogrammar dwar il-livelli ta' persunal u ta' sussidji għal kull aġenzija deċentralizzata, dan l-ipprogrammar ikollu jkun kumpatibbli ma' tnaqqis fil-persunal ta' 5% fuq ħames snin, applikabbli għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha. L-eu-LISA, peress li m'ihix li nholqoti, ma kinitx mitluba tnaqqas l-ammont ta' persunal tagħha fuq il-perjodu 2013-2015.

Il-modifiki għar-Regolament li jistabbilixxi għalhekk se jkollhom bżonn jibbilanċjaw ir-realtajiet politiċi, legali u finanzjarji bl-objettiv ewlieni jkun dak li jiġi żgurat li l-eu-LISA żżomm biżżejjed kapacià biex tiffoka fuq it-tweġiq tal-kompiti ċentrali tagħha. Dawn jinkludu l-evoluzzjoni ta' sistemi preżenti, l-iżvilupp ippjanat tal-EES, l-ETIAS u s-sistema l-ġdida awtomatizzata għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali u l-monitoraġġ ta' sehem kull Stat Membri fl-applikazzjonijiet kollha u tas-sistema ta' allokkazzjoni korrettiva.

Wieħed jista' b'mod raġjonevoli jistenna li l-kontribut tal-eu-LISA għal ambjent koordinat, effettiv u koerenti għall-ġestjoni tas-sistemi tal-IT li jsostni l-implimentazzjoni tal-politiki tal-ĠAI se jiżdied aktar ma jgħaddi ż-żmien, permezz tal-forniment ta' ambjent professjonali u stabbli għall-appoġġ tal-iżvilupp, il-ġestjoni operattiva u ***l-evoluzzjoni tas-sistemi tal-IT*** inkluż ***l-interoperabbiltà*** tagħhom, fejn meħtieġ u fejn permess mill-qafas legali tas-sistemi.

Il-potenzjal tal-eu-LISA li tipprovdi valur miżjud ulterjuri għall-azzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati fiha se jikber aktar ma jgħaddi ż-żmien kif ukoll ma' kull żvilupp teknoloġiku u ta' politika. B'żieda mal-ambizzjoni għat-tul tal-eu-LISA li ssir ċentru ta' eċċellenza, hemm talbiet dejjem jiżdiedu għal ***sostenn ad hoc*** lill-partijiet ikkonċernata minnha bħal ma kienet l-assistenza, kmieni fl-2016, lill-awtoritajiet Griegi li jżidu l-kapacià tas-server tal-Eurodac. B'mod simili, l-eu-LISA jista' jkollha sehem fejn jidħlu kwistjonijiet tekniċi marbuta ma' sistemi eżistenti jew ġodda lis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni meta dawn jitolbu dan minnha. Madankollu, jeżistu limitazzjonijiet ċari legali u finanzjarji għal dak li tista' tipproduċi l-eu-LISA.

4. Rakkomandazzjonijiet għal tibdil fir-Regolament li jistabbilixxi

4.1. Rakkomandazzjonijiet li saru fl-evalwazzjoni

Ir-rakkomandazzjonijiet għal emendi leġiżlattivi għar-Regolament tal-Aġenzija, imfissra fl-evalwazzjoni esterna, huma miġbura fil-qosor fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni anness ma' dan ir-rapport. Huma jinkludu r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- Ikun tajjeb li r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni dwar l-infrastruttura ta' komunikazzjoni jiġu trasferiti lejn l-eu-LISA. Din l-emenda se tkun tinħtieġ emenda fl-istrumenti tas-sistemi. Hija tkun timplika trasferiment tal-baġit rilevanti.
- Ikun tajjeb li dispożizzjoni ġdida dwar il-qafas kooperattiv ta' eu-LISA ma' aġenziji oħra tal-ĠAI tikkjarifika l-ambitu tal-kooperazzjoni fi ħdan il-mandat ta' eu-LISA.
- Sa tmiem Awwissu kull sena ikun tajjeb li jiġi adottat rapport interim mill-Bord ta' Tmexxija dwar il-progress li jkun sar fejn tidħol l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ippjanati li jkopri l-ewwel sitt xhur ta' dik l-istess sena.

³² COM (2013) 519 finali, 10.7.2013

- Ta' min tiġi kkunsidrata estensjoni tal-ambitu ta' skemi pilota li jistgħu jiġu fdati lill-eu-LISA mill-Kummissjoni (l-Artikolu 9). L-ambitu bħalissa huma limitat għal proġetti pilota li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 54(2)a) tar-Regolament Finanzjarju, jiġifieri li jistgħu jiġu implimentati mingħajr il-ħtieġa ta' att bażiku. Dan imissu jiġi estiż għal mill-anqas proġetti pilota b'att bażiku eżistenti.

L-evalwazzjoni esterna irrakkomandat ukoll li titħejja evalwazzjoni ta' riskju u ex-ante għal proġetti ta' aktar minn EUR 500 000 li jkunu qegħdin isiru mill-eu-LISA fi ħdan il-mandat preżenti tagħha (jiġifieri mhux ġejjin minn strument leġiżlattiv li jafdaha b'sistema ġdida li dwarha l-Kummissjoni tkun ipprovdiet analiżi tal-impatt). Din hija rakkomandazzjoni importanti li għandha tkun indirizzata b'mod xieraq mill-eu-LISA. Madankollu ma tinħtieġx bidla fir-Regolament tal-Aġenzija peress li l-Artikolu 29(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 u tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija diġà jirrekjedi evalwazzjonijiet ex-ante u ex-post tal-programmi u l-attivitajiet li jimplikaw infieq sinifikanti.

L-evalwazzjoni esterna tagħmel ukoll rakkomandazzjonijiet oħra ta' emendi għall-mandat tal-Aġenzija. Ikun xieraq li dawn jiddaħħlu fl-istrumenti leġiżlattivi tas-sistemi u ma jkunux jirrekjedu emenda għar-Regolament tal-Aġenzija fejn tidħol l-istatistika:

- responsabbiltà estiża għall-eu-LISA fil-ġenerazzjoni/il-pubblikazzjoni tal-istatistika għal kull sistema;
- komputu ġdid għall-eu-LISA li tipproduċi rapporti dwar il-kwalità tad-*data* u ta' analiżi tad-*data*. Dawn l-emendi jkunu suġġetti għal konformità mal-qafas leġiżlattiv dwar il-protezzjoni tad-*data*.

4.2 Rakkomandazzjonijiet li joħorġu minn żviluppi ta' politika, legali jew fattwali segwenti

Ir-rakkomandazzjonijiet ta' emendi għar-Regolament tal-Aġenzija li joħorġu mill-iżviluppi ta' politika, legali jew fattwali kif issir referenza għalihom taħt il-punt 3 jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- ikun xieraq li t-tibdil possibbli li joħroġ minn proposti li jirrevedu l-istrumenti leġiżlattivi tas-SIS u mir-riformulazzjoni riveduta tal-Eurodac ikun rifless fir-Regolament tal-Aġenzija;
- ikun xieraq li t-tibdil li jippermetti lill-eu-LISA li twettaq il-kompiti li ssir referenza għalihom fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar sistemi ta' informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-fruntieri u s-sigurtà tas-6 ta' April 2016 u s-Seba' rapport dwar il-progress lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiv u ġenwina tas-16 ta' Mejju 2017, inkluż permezz ta' studji jew attivitajiet ta' prova, jiddaħħlu kif xieraq;
- ikun xieraq li tibdil li joħroġ minn leġiżlazzjoni tal-UE emendata jiddaħħal skont il-ħtieġa (bħal ma huma r-Regolament Finanzjarju u r-Regolament Finanzjarju Qafas);
- ikun xieraq li jkun rifless it-tibdil li joħroġ mill-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-proposti tal-Kummissjoni li jafdaw sistemi ġodda lill-Aġenzija, bħall-proposti ta' riformulazzjoni tal-EES jew ta' Dublin;
- ikun xieraq li t-tibdil li joħroġ mid-dokumenti ta' pprogrammar tal-eu-LISA dwar l-iżvilupp tekniku, bħal ma hi l-konfigurazzjoni attiva tas-sistemi ċentrali, tkun riflessa fejn ikun ġustifikat;
- ikun xieraq li jiġi inkorporat it-tibdil li joħroġ mill-Approċċ Komuni;

- ikun xieraq li jkun hemm l-idea li jsir tibdil biex l-eu-LISA tkun tista' tipprovdi pariri lill-Istati Membri rigward il-konnessjoni tas-sistemi nazzjonali mas-sistemi ċentrali u għal assistenza ad hoc u sostenn lill-Istati Membri (bħal ma hu s-sostenn ipprovdut fil-hotspot fil-Greċja), meta dawn jintalbu;
- tibdil biex l-eu-LISA tkun tista' tipprovdi assistenza jew sostenn lis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet tekniċi marbuta ma' sistemi eżistenti jew ġodda, fejn tintalab tagħmel dan;
- ikun tajjeb li tiddaħħal bidla fl-Artikolu 1(3) sabiex ikun aktar ċar li l-Aġenzija tkun tista' tingħata r-responsabbiltà ta' sistemi eżistenti li jkunu jistgħu jiġu ttrasferiti lilha.

5. Konklużjoni

5.1. L-eżitu tal-evalwazzjoni

L-ewwel evalwazzjoni tal-Aġenzija ikkonfermat li, bħas-sistemi taħt il-ġestjoni operattiva tagħha li huma vitali għall-funzjonament taż-żona ta' Schengen li dejjem qiegħda tevolvi, l-eu-LISA hija aġenzija li għandha prestazzjoni tajba u li dejjem qiegħda żżid fl-importanza.

Id-deċiżjoni li tiġi stabbilita aġenzija ddedikata tal-Unjoni Ewropea, fdata bil-ġestjoni operattiva tas-SIS, il-VIS u l-Eurodac, kif ukoll bit-tnejjja, l-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi simili ġiet għalhekk iġġustifikata bis-siġħ.

L-evalwazzjoni kkonfermat ukoll li l-funzjonament tal-Aġenzija hija ħidma li għadha għaddejja. Filwaqt li ma jkunx realistiku li wieħed jistenna li l-Aġenzija tilħaq il-maturità sħiħa tagħha fl-ewwel tliet snin tagħha, l-eu-LISA stabbiliet ruħha bħala fornitur affidballi ta' ġestjoni operattiva tas-SIS, il-VIS, u l-Eurodac, kif ukoll ta' kompiti addizzjonali. Hija wkoll ħolqa importanti għall-Istituzzjonijiet Ewropej u aġenziji oħra tal-ĠAI.

L-evalwazzjoni għamlet ukoll suġġerimenti għat-titjib fl-implimentazzjoni tal-mandat preżenti u identifikat limitazzjonijiet fejn tidħol l-estensjoni tal-mandat.

Għalkemm l-Aġenzija tat prova li hija tista' tagħmel aktar bl-istess livell ta' riżorsi u li tista' tadatta bi grad għoli ta' flessibbiltà għal ħtiġijiet ġodda, l-evalwazzjoni kkonkludiet ukoll li, kieku l-eu-LISA kellha ssir responsabbli għal sistemi tal-IT ġodda, hija ma tkunx f'pożizzjoni li tiġġestixxi dan bir-riżorsi li huma preżentament disponibbli. Quddiem l-isfond tal-isfidi dwar migrazzjoni u sigurtà, huwa ċar li fis-snin li ġejjin, l-eu-LISA se tibqa' okkupata ħafna bit-tweġġiq tal-missjoni ewlenija tagħha (jiġifieri l-ġestjoni operattiva tas-SIS II, il-VIS u l-Eurodac, l-evoluzzjoni li hu maħsub li jgħaddu minnha, u l-interoperabbiltà, kif ukoll bl-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT ta' skala kbira fil-futur fl-oqsma tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja).

Għaldaqstant, l-attenzjoni trid tkun fuq li jiġi żgurat li l-Aġenzija jkollha l-kapaċità li tiġġestixxi l-ħidma ċentrali tagħha. Sabiex jitnaqqas ir-riskju li l-eu-LISA ma tkunx tista' tilqa' talbiet li joħorġu mill-iżviluppi dinamiċi ħafna f'dan il-qasam ta' politika, se jkun hemm bżonn li l-Aġenzija timpenja ruħha aktar mal-partijiet interessati, l-aktar mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni; il-Bord ta' Tmexxija u l-Gruppi Konsultattivi se jservu bħala l-pjattaformi ewlenin għal dan. Il-prijoritizzazzjoni tal-kompiti ċentrali u t-titjib kontinwu ta' kosteffiċjenza għandhom ikunu ċ-ċavetta tas-suċċess.

5.2. Il-passi li jmiss

Barra minn dan ir-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, il-Kummissjoni qiegħda tippreżenta fl-istess data ta' dan ir-rapport proposta li temenda r-Regolament li jistabbilixxi u l-istrumenti tas-sistemi, fejn meħtieġ.

Barra mill-inkorporazzjoni tat-tibdil li joħroġ mill-evalwazzjoni indipendenti esterna, b'mod partikolari t-trasferiment tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni marbuta mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni lejn l-eu-LISA, il-proposta se tallinja r-Regolament li jistabbilixxi mal-istrumenti aġġornati applikabbli għall-funzjonament tal-aġenziji tal-UE, bħal ma huma r-Regolament Finanzjarju u mal-Approċċ Komuni. Se tiegħu wkoll f'kunsiderazzjoni l-proposti li jirrevedu l-istrumenti leġiżlativi tas-SIS u l-proposta li rrivediet ir-riformulazzjoni tar-Regolament tal-Eurodac.

Il-kompiti l-ġodda possibbli għall-Aġenzija, previsti fil-Komunikazzjoni dwar sistemi ta' informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-fruntieri u s-sigurtà kif ukoll fis-seba' rapport tal-progress lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina iridu wkoll jiġu riflessi fir-Regolament tal-Aġenzija.

Sfidi oħra jinkludu t-tkabbir speċifiku ulterjuri tal-ambitu tal-mandat tal-Aġenzija, bħal ma hi l-possibbiltà li jingħata sostenn ad hoc lill-Istati Membri kif ukoll it-tibdil li joħroġ mill-iżviluppi tekniċi fejn ikun ġustifikat.

Fl-aħħarnett, biswit l-emendi rikjesti mill-adozzjoni futura tal-proposta tal-EES, ir-Regolament li jistabbilixxi jkollu bżonn ukoll tibdiliet li jiskattaw minn proposti oħra li jaħsbu għall-ġestjoni ta' żvilupp jew operattiv marbuta mal-kompiti għall-eu-LISA.

L-emendi deskritti hawn fuq huma essenzjalment tekniċi, fis-sens li huma meħtieġa jew għat-titjib tal-funzjonament u l-effettività operattiva tal-Aġenzija, jew inkella minħabba żviluppi oħra leġiżlattivi jew ta' politika, jiġifieri li tiġi fdata b'sistemi jew kompiti ġodda. Dawn l-emendi jestendu l-mandat tal-Aġenzija b'mod limitat, u ġew evalwati l-aktar fl-isfond tar-riżorsi finanzjarji u umani, inkluż l-elementi ta' tisħiħ baġitarju li kienu ġew proposti mill-Kummissjoni għall-eu-LISA taħt il-proċeduri leġiżlattivi li għaddejjin għall-EES, il-Eurodac, Dublin II, is-SIS u l-ETIAS.